MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 396/2014

Appell Nru: 396/2014

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Charlene Falzon

Illum 26 ta' Frar, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Charlene Falzon, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 438286M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) ghall-habta ta' 11.42hrs fi Triq Fuq Fortini, Birgu:

(1) ipparkjat jew ħalliet waħedha vettura Nru. LEO-147 f'post fejn sinjali proprji tat-triq kif indikati fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-marki tal-karreggata juru li ma jistax isir ipparkjar, u

(2) insulentat, inġurjat jew heddet bil-kliem lil PS 1122 Arthur Rizzo persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-23 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat MVR artikolu 79(e), LS 65.11 u artikolu 95(1) tal-Kap 9;

Osservat illi dawna l-proceduri kienu rizultat ta' decizjoni hazina mehuda mill-PC1122 kif ukoll abbuz lampanti tal-poter lilu moghti, liema abbuz jimmina r-rispett illi l-Pulizja ghandhom mal-pubbliku in generali;

Il-Qorti, ghalhekk, filwaqt illi illiberat lill-akkuzata mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghha, ordnat lill-Kummssarju tal-Pulzija jinvestiga l-agir ta' PS1122 fil-kaz odjern.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u u minflok tgħaddi sabiex issib lill-appellata **ħatja** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u konsegwentement tinfliġġi piena li hija ekwa u ġusta konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata ta' Charlene Falzon esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom hekk kif se jiġi spjegat fir-rikors t'appell;

Illi l-esponent ġie nfurmat mill-Ispettur Maria Stella Attard li l-liberatorja tal-appellata Charlene Falzon kienet minħabba l-fatt li PS 1122 Arthur Rizzo ġabar lura t-*traffic offence ticket* mingħand l-appellata. Dan ġie interpretat bħala deċiżjoni ħazina da parti ta' PS 1122 Arthur Rizzo u bħala abbuż ta' poter. Illi b'kull rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-fatt li PS 1122 Arthur Rizzo ġabar mingħand l-appellata Charlene Falzon it-*traffic offence ticket* u nfurmaha dak il-ħin li kien se joħroġ akkużi fil-konfront tagħha ma jammontax għal deċiżjoni ħażina u wisq anqas għall-abbuż ta' poter da parti tiegħu. Huwa filfatt ħareġ akkużi fil-konfront tagħha fejn fil-fatt l-ewwel akkuża hi dik li l-appellata pparkjat jew ħalliet il-vettura tagħha f'post fejn is-sinjali proprji tat-traffiku juru li ma jistax isir ipparkjar. Din l-akkuża tirrifletti t-*traffic offence ticket* li ġabar lura PS 1122 Arthur Rizzo. L-aġir ta' PS 1122 Arthur Rizzo kien jammonta għal deċiżjoni ħażina u għall-abbuż ta' poter li kieku huwa ġabar lura t-*traffic offence ticket* u sussegwentement ma ħareġ l-ebda akkuzi fil-konfront tal-appellata;

Illi *di piu'*, l-esponent ġie nfurmat mill-Ispettur Maria Stella Attard li, waqt is-seduta, l-avukat ta' Charlene Falzon talbet skuża f'isem l-appellata għar-rigward tat-tieni akkuża. L-insolenzi kienu r-riżultat talli PS 1122 Arthur Rizzo taha *traffic offence ticket*. Dan kollu juri kemm l-aġir ta' PS 1122 Arthur Rizzo ma kienx jammonta għall-abbbuż ta' poter hekk li kieku kien hemm verament abbuż ta' poter da parti tiegħu żgur li l-appellata ma kinetx se titlob maħfra għal dak li qalet.

Ikkunsidrat:

Fil-hdax (11) ta' Mejju tal-elfejn u erbatax (2014) PS 1122 Arthur Rizzo flimkien ma' PC 2 Glen Ellul kien fi Triq il-Fortini, il-Birgu u hemmhekk osservaw xi vetturi ipparkjati hazin. Fosthom kien hemm wahda tal-ghamla Nissan bin-numru ta'

registrazzjoni LEO 147 li kien kienet go yellow striped box. Peress illi sid il-vettura ma kintix tidher fil-vicin il-pulizija hargu citazzjoni ghall-ipparkjar illegali. Wara xi hin waslet sid il-vettura l-appellata Charlene Falzon illi bdiet tgerger xhin rat ic-citazzjoni u ghaddiet xi rimarka fil-konfront ta' PS 1122 li però ma semaghhiex. PC 2 Glen Ellul però kien aktar vicin u semaghha tghajjar lill-PS 1122 Arthur Rizzo bil-kliem "Kemm hu demel!" PC 2 informa minnufih lil PS 1122 illi irtira t-traffic offence ticket u minflokha hareg ic-citazzjoni kif tidher fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellata hatja tal-akkuzi migjuba kontra u ordnat li tibda investigazzjoni fil-konfront ta' PS 1122 ghal agir abbuziv tieghu.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-fatti illi kellha quddiemha u di più PS 1122 ma ghamel xejn abbuziv fil-konfront tal-appellata.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tifhem illi l-agir abbuziv ta' PS 1122 kien fil-fatt illi hu irtira t-traffic offence ticket dak il-hin illi sar jaf illi l-appellata uzat kliem ingurjuz fil-konfront tieghu. Din il-Qorti ma tara xejn hazin f'dan l-agir. Sakemm il-kontravvenzjoni tal-appellata kienet limitata biss ghal traffic offence, il-pulizija ghamlu sew illi hargu traffic offence ticket. Izda l-appellata ma kinitx kuntenta b'daqshekk u minbarra illi bdiet tgerger, insulentat lill-pulizija illi hareg dan it-ticket. B'hekk allura l-appellata dahlet fic-censura tal-ligi aktar serja u l-kaz taghha ma kellux ikun limitat biss bil-hrug ta' traffic offence ticket u kien f'dan il-kuntest illi s-surgent irtira dan it-ticket biex hareg l-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat li bilfors kellhom johorgu

b'dak il-mod. Fuq dan il-bazi kwindi din il-Qorti ma tara xejn abbuziv fil-konfront tas-surgent u l-ewwel Qorti kellha tezamina l-agir tal-appellata u tiddetermina jekk dan jinkwadrax fl-akkuzi illi gew addebitati fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat:

Jidher illi mhuwiex kontestat illi l-appellata kienet ipparkjata hazin. Quddiem din il-Qorti fi stadju ta' trattazzjoni l-appellata qalet illi kellha blue sticker u kwindi kienet awtorizzata tipparkja fejn kienet. Bir-rispett din il-Qorti ma tistax tiehu din id-dikjarazzjoni bis-serjetà peress illi mill-atti ma jirrizulta xejn minn dak illi gie allegat. Jekk verament l-appellata kellha xi blue sticker almenu messha esebiet kopja tieghu fl-atti halli l-ewwel Qorti jkollha l-provi quddiemha jew almenu jitnizzel verbal konguntiv f'dan is-sens. Izda minn dan ma sar xejn. U ghalhekk il-Qorti trid tehodha illi dakinhar verament l-appellata kienet ipparkjata hazin. Mhuwiex kontestat ukoll l-appellata ghajjret lill-PS 1122 b'dak id-diskors illi qalet ghad illi aktar tard ghamlet apologija lis-surgent liema apologija din il-Qorti sejra tikkonsidra fil-kwistjoni dwar il-piena.

Ghalhekk fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi l-Qorti ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti peress illi jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun u l-appellata kellha tigi misjuba hajta tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u wara li rat l-artikolu 79(e), LS 65.11 (MVR), l-artikolu 95 tal-Kap 9 u issib lill-appellata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagha u tikkundannaha ghall-multa' ta' tletin ewro (€30) ghall-ewwel imputazzoni, ghal tlett xhur prigunerija u multa ta' tmien mitt ewro (€800) ghat-tieni imputazzjoni b'dan

però wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li dak it-terminu jkun sospiz ghal zmien sena mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------